

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1312/2007**tat-8 ta' Novembru 2007****li jistabbilixxi r-rata definittiva ta' rifużjoni u l-perċentwal tal-ħruġ ta' liċenzji għall-esportazzjoni tas-sistema B fis-settur tal-frott u tal-ħaxix (tadam, larinġ, lumi, għeneb ta' l-ikel u tuffieħ)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-frott u l-ħxejjex⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 35(3) tiegħu, it-tielet inċiż,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1210/2007⁽²⁾ stabbilixxa l-kwantitajiet indikattivi li għalihom jistgħu jinħarġu liċenzji għall-esportazzjoni tas-sistema A3.
- (2) Fid-dawl ta' l-offerti sottomessi, il-massimu ta' rati ta' rifużjoni u l-perċentwal ta' kwantitajiet li jridu jingħataw għall-offerti li qed jikkwotaw daww ir-rati massimi għandhom ikunu ffissati.

- (3) Rigward il-liċenzji għat-tadam, il-larinġ, il-lumi, l-għeneb ta' l-ikel u t-tuffieħ, jaqbel li tiġi stabbilita r-rata definittiva ta' rifużjoni fil-livell tar-rata indikattiva, u li jiġi stabbilit il-perċentwal tal-ħruġ ta' liċenzji għall-kwantitajiet mitluba,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Rigward it-tadam, il-larinġ, il-lumi, l-għeneb ta' l-ikel u t-tuffieħ, ir-rati massimi ta' rifużjoni u l-perċentwal biex jitnaqqsu l-kwantitajiet mogħtija skond is-sejħa għall-offerti miftuħa bir-Regolament (KE) Nru 1210/2007 għandhom ikunu ffissati fl-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-9 ta' Novembru 2007.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 8 ta' Novembru 2007.

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 297, 21.11.1996, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 47/2003 (ĠU L 7, 11.1.2003, p. 64).

⁽²⁾ ĠU L 274, 18.10.2007, p. 3.

ANNEX

Il-ħruġ ta' liċenzji għall-esportazzjoni tas-sistema A3 fis-settur tal-frott u tal-ħaxix (tadam, larinġ, lumi, għeneb ta' l-ikel u tuffieħ)

Prodott	Rata massima tar-rifużjoni (f'EUR/tunnellata netta)	Perċentwali tal-ħruġ tal-kwantitajiet mitluba fil-livell tar-rata massima tar-rifużjoni
Tadam	30	100 %
Larinġ	40	100 %
Lumi	60	100 %
Għeneb ta' l-ikel	—	100 %
Tuffieħ	35	100 %